# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 173/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur William Scicluna)**

**vs**

**Genisa (Genoveffa) Rensink Mifsud**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Genisa (Genoveffa) Rensink Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 413170M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar t'Awwissu 2016, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, w maghmula b'rizoluzzjoni wahda ghamlet att ta' money laundering billi:

i) ikkonvertiet jew trasferixxiet proprjeta' meta kienet taf jew issuspettat li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni l-attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali;

ii) Hbiet jew uriet haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew proprjeta', meta kienet taf jew issuspettat li dik il-proprjeta' inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

iii) Akkwistat, kellha pussess jew uzat proprjeta' meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta' inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

iv) Kellha ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kienet taf jew issuspettat li l-istess proprjeta' tkun inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

v) Ittentat hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii) u (iv) ta' hawn fuq, u dan fit-tifsir tal-artikolu 41 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

vi) Agixxiet bhala komplici fit-tifsir tal-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rigward xi wahda

mill-hwejjeg jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli kollha li huma dovuti lil jew imissu lill-akkuzata jew huma proprjeta' taghha, u li tipprojbixxi lill-akkuzata milli tittrasferixxi, taghti b'rahan, tipoteka jew xort'ohra tiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli skond l-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll sabiex tikkundannaha ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra t'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Marzu, 2017 li biha sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha u kkundannatha ghal tlitt xhur prigunerija sospizi ghal sentejn ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-17 ta' April, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti **tirriforma** s sentenza appellata billi **tikkonfermaha** fejn, fuq ammissjoni taghha stess, sabet lill-appellata hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront taghha u **thassarha** u tirrevokaha fil-parti tal-piena, billi minflok il-piena nflitta tinfliggi piena idoneja u gusta skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellata;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti bil-gravami singolari illi l-quantum tal-istess kominata hija anqas minn dik kontemplata tassattivament mill-ligi u li l-ewwel Qorti naqset ukoll milli tapplika l-konsegwenzjali tal-piena dwar il-beni tal-appellata;
2. Illi ai termini tal-artikolu 3(2A)(a) tal-Kapitolu 373 tal-ligijiet ta' Malta, kull persuna tista tkun processata ghall-ksur ta' dan l-Att jew quddiem il-Qorti Kriminali jew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fid-diskrezzjoni tal-Avukat Generali. Skond is-subinciz (ii) ta' dan l-artikolu, il-piena erogabbli mill-Qorti tal-Magistati, bl-emendi introdotti bl-Att VIII tal-2015, hi dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn tnax-il xahar izda mhux aktar minn disa snin, jew multa ta' mhux anqas minn ghoxrin elf euro izda mhux izjed minn mitejn u hamsin elf euro jew dik il-multa u prigunerija flimkien;
3. Fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373, il-Qorti **ghandha**, minghajr pregudizzju ghas-setgha taghha taht l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali, **u b'zieda ma' kull piena** li ghaliha tista' tkun ikkundannata persuna misjuba hatja ta' reat ta' money laundering taht dan il-Kapitolu, **tordna t-tehid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjeta' li l-valur taghha jkun jikkorrispondi ghall-valur ta' dak ir-rikavat ricevut mill-persuna misjuba hatja u kull proprjeta' li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taht il-kontroll ta' xi persuna misjuba hatja,**

sakemm ma jkunx pruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' *money laundering* u tkun suggetta ghall-konfiska jew tehid mill-qorti. Il-proviso ta' dan is-subartikolu imbghad ifisser il-kelma "rikavat" bhala xi vantagg ekonomiku u kull proprjeta' li tigi jew titnissel, sew b'mod dirett sew mhux dirett, minn xi attivita' kriminali u tinkludi kull qliegh jew beneficcju iehor miksub minn dik il-proprjeta';

4. Illi ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun fl-appell tieghu ghaliex fl-ewwel lok il-Qorti tal-ewwel grad qatt ma setghet teroga piena ta' prigunerija anqas minn tnax-il-xahar u anqas ma indikat li kienet qed tinzel taht il-minimu erogabbli. L-ewwel Qorti lanqas ma ddisponiet mit-talba tal-prosekuzzjoni ghas-sekwestru tal-proprjeta tal-imputata f'idejn terzi anke jekk din hija konsegwenza tassattiva tal-piena. Anke hawn ghalhekk l-Avukat Generali ghandu ragun. Issa din il-Qorti semghet is-sottomissjoni tad-difensur tal-appellata dwar li l-bank ghandu flus mizmuma ghandu u li skond l-appellata kien intrabat li jirrifondihom lis-sidien taghhom stante li dawn jappartjenu lill-terzi ingannati minn imposturi li ppuzaw ta' rapprezentanti tas-socjeta' estera Microsoft u li ddepozitaw il-flus taghhom fil-kont tal-appellata biex ikunu trasferiti fl-esteru. Quddiem l-ewwel Qorti u anqas quddiem din, ma ngiebu ebda provi in rigward u fi kwalunkwe kaz, il-ligi tikkawtela tali posizzjoni bis-sahha tal-artikolu 7 tal-Kap 373 li jaghti d-dritt sia lill-hati kif ukoll lil kull persuna interessata tottjeni dikjarazzjoni li dik il-proprjeta' mhix ta' provenjenza illecita;

5. Ghal dawn il-motivi l-appell tal-Avukat Generali qed ikun akkolt. Konsegwentement qed **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellata hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra taghha; **thassarha** f'dik il-parti li biha kkundannatha ghal-prigunerija ta' tlett (3) xhur sospizi ghal-sentejn fit-termini tal-artikolu 28A Kapitolu 9

u **minflok** tikkundannaha ghal-terminu ta' prigunerija ta' tnax-il xahar (12) liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-appellata tikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

6. Inoltre, fit-termini tal-artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373, tordna t-tehid favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat li f'dan il-kaz huwa l-ammont prezentament depozitat u mizmum fil-kont tal-hatja mal-Bank of Valletta plc;

7. Il-Qorti spjegat fi kliem car, l-obbligi tal-hatja naxxenti minn din is-sentenza kwantu l-effetti tas-sentenza sospiza.